FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 3 ta' April , 2002

**Avviz Nru:862/00 PM**

**Paul Anthony Barbara**

**Vs**

**Ronald Camilleri**

**It-Tribunal,**

It-Tribunal ra l-avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) rapprezentanti danni kagunati f' incident awtomobilistiku tat-12 ta' Settembru,1999 f' Bahar Ic-Cahaq bejn il-vettira bin-numru ta' registrazzjopni RND 206 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru HAC 334 misjuqa mill-attur u proprjeta' tieghu, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra bonarja datata 28 ta' Ottubru, 1999 u ta' ittra ufficjali pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra kontra l-assigurazjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn il-konvenut qal li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

Ra li Dr. Zammit McKeon ipprezenta nota fejn irinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut;

Ra d-dokument ezebit;

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' PS 586 Joseph Brincat;

Ikkunsidra li l-konvenut naqas li jixhed jew jipprezenta il-provi;

Ikkunsidra li lill-Pulizija li nvestiga l-incident il-konvenut qallu li kien tilef il-kontroll tal-karozza tieghu. Jidher ukoll li l-konvenut spicca wrong side. Ghaldaqstant jirrizulta li l-incident gara' tort tal-konvenut;

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**